**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 4 ta' Lulju, 2016**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 445/2016**

**Dimbros Limited**
**vs**

**Sport Malta gia Kunsill Malti ghall-Isport**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-2 ta' Gunju 2016 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti giet imqabbda taghmel diversi xoghlijiet f'diversi proprjetajiet mmexxija mill-intimat, liema xoghlijiet Sport Malta gja Kunsill Malti ghall-Isport accetta, awtorizza u approva.

2. Illi b'rabta mal-istess xoghlijiet l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn wiehed u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€23,241.28) kif jirrizulta mill-annessi fatturi annessi u mmarkati Dok. MD1.

3. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat sabiex jaghmel il-pagament indikat huwa baqa' inadempjenti.

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ill vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:
1. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn wiehed u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€23,241.28);

2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn wiehed u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€23,241.28);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 13/2016 u bl-imghax dekorribbli skont il-ligi kontra l-intimat li r-rapprezentanti u l-ufficjali tieghu huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Sport Malta li tghid hekk:

Illi t-talbiet rikorrenti huma in parti infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimat u ghandhom ghalhekk jigu in parti respinti bl-ispejjez kontra l-istess ghas-segwenti ragunijiet:

1. Li mill-kunteggi mahduma mill-intimat jirrizulta Ii d-debitu dovut jammonta ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u ewro u tnax-il centezmu (€22,401.12) u mhux dak mitlub fir-rikors guramentat odjern, liema ammont kien gja gie spjegat lill-istess rikorrenti precedentement ghall-ftuh tal-proceduri odjerni.

2. Li dwar I-ammont Ii qieghed jirrizulta dovut, dan qieghed jigi ammess diment Ii r-rikorrenti tikkonferma bil-gurarnent taghha Ii s-servizz inghata fl-intier tieghu,

3. B'rizerva ghal eccezzjonijiet ohra permessibbli skont il-ligi,

Semghet lid-direttur tas-socjeta attrici Melchiore Dimech li kkonferma bil-gurament tieghu li l-appalt sar fl-intier tieghu, u d-differenza bejn l-ammont ammess u dak mitlub kien fil-fatt gia mhallas lis-socjeta attrici u ghalhekk is-socjeta attrici qed tirriduci t-talba ghal €22,401.12;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u ewro u tnax-il centezmu (€22,401.12), bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur